MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1684/2001/1

**Maria Psaila**

**vs**

**Lawrence Psaila**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Settembru 1989 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg Dok. "A".

Illi l-ewwel tarbija Abigail twieldet ftit xhur wara fl-20 ta' Frar 1990 kif jidher mic-certifikat tat-twelid Dok. "B".

Illi l-kontendenti sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza datat 20 ta' Awissu 2000.

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza morali jew biza' a tenur tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Att dwar Zwieg.**

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew id-dmirijiet taghha a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-istess Att dwar iz-Zwieg.**

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fit-22 ta' Settembru 1989 huwa null u bla ebda effett fil-ligi.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti hu null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg Kap 255.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbali tas-6 ta' Frar 2002;  u tal-25 ta' April 2002 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.  Inghata digriet affidavit lill-attrici b'terminu ta' sittin (60) gurnata.

Rat in-nota tal-attrici datata 20 ta' Mejju 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha u dawk tal-genituri taghha u ta' habibitha Ruth Psaila.

Rat il-verbal tat-8 ta' Ottubru 2002 fejn dehret biss Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-attrici li ddikjarat li

m'ghandhiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003

Rat li minkejja li gie debitament ngunt bic-citazzjoni attrici l-konvenut baqa' ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi **l-attrici** fl-affidavit taghha ssostni illi:-

*"Jien iltqajt mal-konvenut f'Novembru tal-1988. Jien kelli (17) sbatax-il sena u hu kellu (16) sittax. Ahna konna sempliciment qed inkellmu lil xulxin, xejn serjeta', ukoll minhabba l-eta' zghira taghna. Wara ftit xhur li bdejna niffrekwentaw lil xulxin beda jkollna relazzjoniet intimi izda bla kontracettivi. Konna kkonvincejna lilna nfusna li ma ser jigri xejn. Illum nara kemm konna tfal. Fil-fatt wara sitt xhur li konna flimkien jien inqbadt tqila.*

*Dan kien xokk kbir ghalija u ghall-familja tieghi kollha. Jien u l-konvenut ma konna ppjanajna xejn. Lanqas futur ma konna ppjanajna flimkien, ahseb u ara tfal u zwieg.*

*Meta ghidtlu li tqila ried li t-tarbija nitfaghha f'istitut, izda jien ridt inrabbiha. Meta ghidt lil ommi u missieri riduni nizzewweg. Jiena ghidt lill-konvenut u ghidtlu li bqajt li ma jzommuniex u hu qalli "mela nizzewgu".*

*Ghamilna tieg zghir u ovvjament ma morniex 'honeymoon'. Morna noqoghdu ghand ommi f'kamra wahda. Biex iraqqduna ommi u missieri kellhom jibaghtu lil zijuwi li kien joqghod maghna, jorqod fil-kurutur u jien u l-konvenut dhalna minfloku.*

*Il-konvenut ma kienx jahdem. Jien kont nahdem 'salesgirl' u bqajt nahdem sa (8) tmien xhur tqala, meta mbaghad waqaft. Il-konvenut kien imbaghad qabad jahdem daqqa hawn u daqqa hemm. Ma kellux sabar.*

*Li kieku ma kontx tqila u ma nafx x'ser naqbad naghmel zgur li ma kontx nizzewweg. Fil-fatt dejjem konna bl-inkwiet u l-glied u l-ewwel darba li bdejna procedura biex nisseparaw it-tifla kellha biss sentejn u nofs.*

*Fil-fatt ahna eventwalment isseparajna fil-24 ta' Awissu 2000.*

*Miz-zwieg twieldu Abigail Ii twieldet fil-20 ta' Frar 1990, Rebecca fit-22 ta' Frar 1995 u t-tifel fit-8 ta' Ottubru 1996.*

*Li kieku l-genituri ma ssuggerewx Ii nizzewgu lanqas biss kont nizzewweg. Imma jien sthajt hafna minnhom, specjalment minn missieri a li qaluli ghamilt ghax hassejtni umiljata. Kont ksirtilhom qalbhom u ridt naghmel l-animu tieghi biex nerga' nikseb il-fiducja taghhom u b'hekk ghazilt it-triq Ii ghazluli huma.*

*Ir-ragel ukoll ma kellux mohh iz-zwieg. Fil-fatt hu dejjem kien 'happy go lucky', ghadu hekk illum ahseb u ara ta' (16) sittax-il sena.*

*It-tnejn li ahna konna qed nilghabuha ta' kbar billi jkollna rapporti sesswali izda spiccajna li ma stajniex nifaccjaw l-krizi tat-tqala tieghi u zzewwigna, jien biex nipprova npattiha lill-genituri tal-inkwiet u r-ragel ukoll ghax id-dar tieghu kellu hafna nkwiet, il-genituri separati u ried johrog minn dik is-sitwazzioni u jahrab minn dak l-inkwiet, biex xorta kkrejajna nkwiet iehor biz-zwieg taghna.*

*Minflok soluzzioni sibna nkwiet ikbar. Ma konniex maturi ghaz-zwieg u ma naqblu f'xejn u z-zwieg kien fallut mill-bidu.*

*Sforz l-inesperjenza tieghi nqbadt tqila, sforz l-istess inesperjenza u nuqqas ta' maturita' zzewwigt biex nevita l-problemi u minflok sibt problemi akbar".*

Illi **Anthony Farrugia** fl-affidavit tieghu xehed illi:-

*"Jiena missier Maria Psaila. It-tifla tieghi dejjem rabbejtha fl-akbar ghozza izda dejjem fuq principji morali sodi. Meta it-tifla kellha xi (17) sbatax-il sena ommha giet tghidli li t-tifla harget tqila. Nahseb li sthat tghidli direttament. Fil-fatt meta ergajt rajtha bdiet tibki ghax ma kenitx taf x'ser tghidli a x'ha taqbad taghmel. Kienet ilha tkellem lil Laurence xi hames xhur izda mhux bis-serjeta' anki peress li kienu ghadhom zghar hafna.*

*Dan kien 'shock' kbir ghalija. Inkwetajt immens ghax dik binti u nkwetajt ghax Lawrence kien ghadu tifel u mohh ir-rih. Jekk niftakar sew kien terga] izghar minnha. Ma kellhom preparamenti ta' xejn u ma kellhomx fejn joqoghdu u fil-fatt qaghdu mieghi xi sentein u nofs wara li zzewgu u kelli nsaqsi lil hatni johrog mill-kamra tieghu biex jidhlu huma.*

*It-tifla kienet imbikkma a misthija allura tista tghid li jien kelli nsalva s-sitwazzjoni. Hi dak il-hin ma kenitx kapaci ssolvi l-problemi taghha anke peress li kienet zghira, ma kellhiex fejn tmur hlief tibqa' ghandi u kienet imbikkma kif diga' ghidt.*

*Ma kellhom assolutament xejn u konna jien u l-mara li ghinnihom anke finanzjarjament. Sahansittra l-kamra tas-sodda taghhom xtrajnielhom ahna.*

*Ghalija ma kienx hemm soluzzjoni ohra hlief li tizzewweg biex nippruvaw insolvu l-froga li ghamlu. Ovvjament ma ridthiex taghti t-tarbija ghall-adozzjoni u ma kienx possibbli li trabbiha waheda. Kienet zghira wisq u jien nemmen li mhux sew. It-tifla segwiet il-pariri tieghi u zzewget kif xtaqt jien. Ma kellhiex triq ohra.*

*Fil-fatt il-problemi ta' bejniethom bdew mill-bidu taz-zwieg taghhom u llum separati. Kienu zghar wisq biex jibnu futur flimkien".*

Illi xehdet ukoll **Carmen Farrugia** li permezz tal-affidavit taghha qalet illi:-

*"Jien omm Maria Psaila. Meta t-tifla kellha (17) sbatax-il sena giet tghidli li harget tqila. Nahseb li qalet lili ghax bezghet xi ftit mir-ragel ghax missierha bniedem ta' dixxipplina. Nahseb li sthat hafna minnu wkoll. Fil-fatt kont jien li ghidtlu ghax hi ma felhitx tghidlu. Nahseb l-fatt li kienet daqshekk zghira wkoll wassal sabiex ikkonfondiet kif taqbad tghidlu.*

*Fil-fatt Lawrence kien terga' izghar minnha. Hi ma kellhiex triq ohra hlief toqghod fuq il-pariri taghna. Ma kellhiex fejn tmur u peress li kienu ilhom ikellmu lil xulxin fit xhur u kellhom hi sbatax-il sena u hu sittax ma kellhomx mezzi u ma kienu ghamlu l-ebda preparamenti sabiex jizzewgu qabel ma harget tqila. Kieku ma hargitx tqila zgur li ma kienux ser jizzewgu hekk zghar.*

*Meta giet tghidli li kienet tqila u ghidt lil missierha ddecidejna li ma kienx hemm triq ohra hlief li tizzewweg. Ma ridniex li t-tarbija taghtiha ghall-adozzjoni u hlief li tizzewweg u tigi maghna ma kienx hemm x'taghmel.*

*Jien kont inkwetata hafna meta zzewget peress li hi kienet zghira, ir-ragel kien izghar minnha u mohh r-rih u ma kellhomx finanzi jew xi tip ta' preparamenti ghaz-zwieg. Izda kif konna nahsbuha jien u r-ragel minhabba t-tarbija ma kellhiex triq ohra. Hi ghamlet li ghidnielha.*

*Fil-fatt kelli ragun ninkwieta ghax kellha problemi fiz-zwieg mall-ewwel".*

Xehdet ukoll **Ruth Psaila** fejn permezz tal-affidavit taghha qaleti illi:-

*"Jiena nigi l-mara ta' hu l-konvenut izda kont naf lill-attrici qabel ma zzewget lil Lawrence ghax konna nohorgu zewg*

*koppji flimkien. Konna kollha zghar hafna u hadd minna ma kellu mohh iz-zwieg meta Maria ta' sbatax-il sena nqabdet tqila. Nahseb li lili qalet l-ewwel ghax konna hbieb hafna. Jien inkwetajt hafna ghaliha ghax kienet zghira hafna u Lawrence izghar minnha. Hi kienet qaltli li ma tafx x'ser taqbad taghmel u fejn taqbad tmur ghax ovvjament ma kellhom l-ebda hsieb li jizzewgu qabel ma harget tqila. Jien lili qaltli li zzewget ghax bil-fors u ghax hekk riedu l-genituri taghha. Kif fhimtha jien kieku ma spiccatx tqila zgur li ma kenitx tizzewweg ta' dik l-eta`.*

*Lawrence kellu problemi ma' missieru. Dan nafu jien ukoll ghax ir-ragel tieghi kellu l-istess problemi. Li kellhom saqaf biss. La jsibu ikel, la jisthgu juzaw l-'appliances'. Missieru kellu l-habiba bit-tfal taghha jghixu mieghu u nahseb li Lwrence ried jahrab mid-dar u dan iz-zwieg kien ukoll opportunita` sabiex jitlaq minn din is-sitwazzioni.*

*Kemm Lawrence kif ukoll Maria kienu mmaturi u kellhom problemi fiz-zwieg tista' tghid mill-ewwel ghax ma kellhomx il-maturita` biex iz-zwieg jirnexxi. Dejjem jiggieldu fuq ix-xejn u ma jafux x'ser jagbdu jaghmlu".*

**(ii) Principji Legali.**

Illi l-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut fit-22 ta' Settembru 1989 jigi dikjarat null peress li l-kunsens taz-zewg partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat minhabba li nkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'; kif ukoll li kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn iz-zewg premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19(1) (a) u (d) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe' l-Att dwar iz-Zwieg.

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** ighid:-

**19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(a)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';"*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia Borg"** (Cit Nru 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'. Illi fil-kaz odjern l-attur qed jissottometti li z-zwieg tieghu ghandu jigi ddikjarat null peress illi kien hemm koersjoni qawwija morali naxxenti minn aspetti ekonomici.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995) inghad:-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cioe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

*Inoltre*, fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu, 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert legali f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti".*

Illi *inoltre*, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Sarah Mifsud Scicluna vs Christopher Mifsud"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002

*"Illi ma hemmx dubju li l-biza' tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza' f'dak li jkun, u dan huwa kaz klassiku ta' kif biza' tista' tinholoq kawza ta' sitwazzjoni li persuni jsibu ruhhom fiha, stante li mix-xhieda prodotta mill-konvenut, il-fatt li l-attrici nqabdet tqila, ikkawza xokk sostanzjali fuqu, anke peress li huwa rrealizza l-konsegwenza tal-azzjonijiet tieghu, kemm ghal dak li jirrigwarda l-hajja personali tieghu, u kemm dik tal-attrici, u fl-ahharnett fil-konfront tal-istess wild, u mhux lanqas tal-genituri tal-partijiet".*

Illi fil-kaz odjern din l-Qorti thoss li dawn l-elementi gew ippruvati fil-konfront tal-partijiet ghaliex kienet din il-biza' u x-xokk ta' l-ahbar li l-attrici nqabdet tqila li wasslithom biex jiehdu d-decizjoni li jizzewgu. Dan huwa sostanzjat mill-fatt li z-zwieg sar ta' malajr, bla ebda preparamenti ta' xejn u l-partijiet marru joqoghdu ma' omm l-konvenut u dan fiz-zmien meta l-konvenut lanqas kien biss jahdem.

Illi fil-fatt kollox huwa korroborat mix-xhieda tal-attrici nnifisha fl-affidavit taghha tal-20 ta' Mejju 2002 u tal-genituri taghha Anthony u Carmen konjugi Farrugia bl-afidavit rispettiv taghhom datat ukoll 20 ta' Mejju 2002 u liema provi ma gew bl-ebda mod kontradetti w ghalhekk jidher li t-talba attrici ghandha tigi milqugha fuq din il-bazi.

Illi l-attrici qed tikkontendi wkoll li l-partijiet kellhom meta kkontrattaw z-zwieg taghhom difett serju ta' diskrezzjoni fuq l-hajja mizzewga. Dan huwa dak li hemm kontemplat fl-**artikolu 19 (1) (d)** u cjoe`:-

*"**19 (1)** B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali*

*taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta' Mejju, 1995).

Illi li kieku l-legislatur rrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990, Vol. 1** part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e`*

*sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero` tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack (of discretion of judgement) when it is proved that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` zda impossibbilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere"*. *"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale"*, jghid il-***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma

dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma “*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*” (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi l-Qorti hawn taghmel riferenza ghall kawza fl-ismijiet **“Natasha Xeureb vs Randolph Xeureb”** (P.A. (RCP) 26 ta’ Novembru 2002) fejn inghad:-

*“Illi mill-provi prodotti, jirrizulta ghalhekk li l-unika raguni ghaliex l-istess partijiet dahlu ghaz-zwieg kien biss ghaliex l-attrici harget tqila, b’dan li l-istess partijiet ippruvaw jirrangaw dak li huma u huma biss ghamlu bejniethom billi ghamlu zball akbar ghaliex dahlu ghal din l-unjoni, bla ma kellhom il-kunsens necessarju ghall-istess bl-elementi kif indikati fil-gurisprudenza koppjuza fuq indikata; u dan apparti li bl-agir taghhom qabel iz-zwieg huma eskludew l-elementi essenzjali tal-istess zwieg, u jekk mhux kollha, il-gran parti taghhom, stante li ma kien hemm ebda legami ta’ mhabba lejn xulxin, u lanqas ix-xewqa, u l-intenzjoni li dawn jghixu ghal xulxin u ghal uliedhom. Xejn minn dan, kien hemm biss skop wiehed u cjoe’ li l-minuri jitwieled fiz-zwieg u xejn izjed …”*

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (P.A. (Q.K.) 7 ta’ Lulju 1994) li tikkonferma li fil-kaz odjern l-elementi hemm imsemmija kienu mankanti. Il-Qorti kienet qalet:-

*"… illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi abbazi tal-provi prodotti jidher bal ebda dubju kwalunkwe li l-istess partijet dahlu ghal dan iz-zwieg biss u ghar-raguni li l-attrici nqabdet tqila qabel iz-zwieg, u sforz is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha dak in-nhar, bla ebda hsieb ta' xejn, hlief dak li l-minuri jitwieled fiz-zwieg, huma ghamlu dan il-pass, proprju f'mument meta lanqas kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmlu dan il-pass, u l-mod kif dan sar, bla ebda preparamenti ta' xejn la ghall-avveniment innifsu u wisq izjed ghall-hajja konjugali jikkonfermaw ampjament dan.

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d)** li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenzi **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru: 134/00/RCP); **"Martin**

**Farrugia vs Antionette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002); u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003, u ghall-sentenzi ohra fuq citati w abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat wkoll *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-22 ta' Settembru 1989 hu null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg Kap 255.**

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------